MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

**9 LEĠISLATURA**

## Laqgħa Numru 32

**It-Tnejn, 29 ta' Marzu, 2021**

Il-Laqgħa saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq il-Kbira San Ġużepp fil-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm qari tal-ittri ta' apoloġiji

## 32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

### 32.2.1 Approvazzjoni tal-Minuti

Minuti tat-30 u l-31 laqgħa ġew approvati unanimament.

### 32.2.2 Korrezzjonijiet tal-Laqgħa Numru 30

32.2.2.1 - Minuta 30.6.1- jiżdied l-isem "Sandro" quddiem il-kunjom "Camilleri"
32.2.2.2 - Minuta 30.2.3 - il-kelma "kien" issir "kienx"
32.2.2.3 - Minuta 30.4.4 - il-kelma "infrma" issir "informa"
32.2.2.4 - Minuta 30.4.4 - wara "jannar" jiżdied l-annu "2021"
32.2.2.5 – Minuta 30.5.1 – il-kelma "diskusskoni" issir "diskussjoni" u wara l-kelma "kien" tiżdied il-kelma "hemm"
32.2.2.6 - Minuta 30.5.5 - titneħħa il-kelma "materjal"
32.2.2.7 - Minuta 30.5.9 - titneħħa l-kelma "huma" u ssir "il-membri"
32.2.2.8 - Minuta 30.5.10 - tiżdied il-kelma "Sur" quddiem l-isem "Spiru"
32.2.2.9 - Minuta 30.5.14 - tiżdied il-kelma "ma" quddiem il-kelma "kienx".

## 32.3 Punti mqajjma mill-minuti

**32.3.1** Minuta 30.3.1 - Is-Sindku informa lill-membri li wara t-talba li kienet saret mill-Community Police sabiex il-Kunsill jixtri scooters elettriċi l-Kunsill irċieva tlett kwotazzjonijiet mingħand Magri Cycles €2,250, The Cyclist €1,199 u mingħand Medusa Trading Ltd. €2,400.

Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex il-Kunsill jixtri tnejn mingħand l-irħas offerta dik ta' The Cyclist. Il-membri qablu sabiex qabel jinxtraw issir konsultazzjoni ma' Community Policing sabiex nikkonfermaw li dawn huma skont ir-rekwiżiti meħtieġa.

**32.3.2** Minuta 30.4.1 – Is-Sindku informa lill-membri li l-Perit tal-Kunsill qed jaħdem fuq il-bill of quantities tal-latrina Pubblika li ser issir fi ġnien Romeo Romano sabiex tinħareġ it-tender.

**32.2.3** Minuta 30.4.3 - Is-Sur Joe Vella staqsa lis-Sindku jekk instabx min hu it-terza persuna li qed jidher li huwa s-sid tat-turretta. Is-Sindku infurmah li mill-informazzjoni li għandu din tgħajjat lil ċertu Imħallef Conti.

**32.2.4** Minuta 30.4.4 - Is-Sindku informa lill-membri li l-laqgħa li kellha ssir mar-residenti li joqgħodu fil-viċinanzi tal-Palazz l-Aħmar ma saritx minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid-19. Is-Sindku nfurmahom li wara laqgħa li kellu mal-kuntrattur jidher li fil-ġimgħat li ġejjin ix-xogħol għandu jitlesta. Wara diskussjoni l-membri qablu li ġaladarba x-xogħol ser ikun lest m'hemmx il-ħtieġa li ssir laqgħa iżda tintbgħat ittra lir-residenti fejn ninfurmawhom bl-aħħar żviluppi

**32.2.5** Minuta 30.5.1 - Is-Sindku informa lill-membri li l-korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex ikunu installati *charging pillars* fi Triq il-Palazz l-Aħmar, Triq Ġużè Pace, Triq il-Ferrovija, Triq il-Kanun u saret waħda diġa fi Triq il-Kbira San Ġużepp fil-viċinanzi tal-Ministeru tal-Ambjent.

**32.2.6** Minuta 30.5.11 - Is-Sindku informa lill-membri li tkellem mal-Perit dwar l-iskema SPI.SCI.2.2021 fejn il-Perit qabel li jistgħu isiru dawl mgħammer b'panelli solari, kiosk interattiv u anke *canopy* li tilqa għal elementi. Kien hemm qbil sabiex jinġiebu stima.

**32.2.7** Minuta 31.5.7 - Is-Sur Joe Vella staqsa għall-kjarifika jekk l-ammont biex jintramaw is-slaleb fiż-żmien tal-ġimgħa imqadsa fi Triq il-Kbira Sant Ġużepp u Misraħ Santa Venera kienx ta' €550. Dan ġie ikkonfermat mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**32.2.8** Minuta 31.6.5 - Is-Sindku informa lill membri li fuq it-tender tal-ġbir tal-iskart il-Kunsill talab il-parir tal-Avukat dejn dan infurmana li ndubjament il-persuna li tikkwalifika li tirbaħ it-tender hija WM Environmental.

Fid-dawl ta' dan kollu il-Kunsill iddeċieda sabiex ninfurmaw lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsull jara jistax iwaqqa' din it-tender bil-kuntratt eżistenti jkun imġedded għal sena.

Is-Sindku talab sospensjoni tal-Aġenda sabiex jiġi diskussa punti 32.6.2.

Il-Membri qablu unanimament.

## 32.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġ:

**32.6.2** *Contracts Manager*

Is-Sindku informa lill-membri li hekk kif kien deċiż fl-aħħar laqgħa, il-Kunsill informa lill-Contracts Manager sabiex ikun preżenti għal din il-laqgħa sabiex il-Kunsilliera jkunu jistgħu jiċċaraw xi dubji li kellhom fuq uħud mil-Kuntratturi li għandhom kuntratt mal-Kunsill.

Wara diskussjoni bejn is-Sur Silvio Vella u s-Sur Raphael Carabott, Contracts Manager, dwar in-nuqqasijiet li n-notifika bihom is-Sur Silvio Vella fuq ix-xogħol li qed ikun mitlub mil-Kuntrattur tal-ġonna ġie deċiz sabiex il-Contracts Manager jiprepara rapport ukoll fuq il-gardinar apparti ir-rapport li qiegħed diġa isir fuq il-ġbir tal-iskart u fuq tal-knis.

Is-Sindku informa lill-Contracts Manager li huma importanti sabiex ikun hemm moniteraġġ mill-Contracts Manager fuq il-latrina u kif ukoll fuq id-dawl tat-toroq tal-lokal. Dan tal-aħħar sabiex jekk ikun hemm xi lampi mitfija l-Kunsill ikun notifikat mill-ewwel sabiex b'hekk tkun tista' tittieħed azzjoni.

## Titkompla l-laqgħa hekk kif skedat fuq l-Aġenda

## 32.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**32.4.1** Is-Sindku informa lill-membri dwar it-tisbiħ tal-bankina ta' Triq Regjonali fejn kien deċiż li jintuża daqk il-madum li hemm fi ġnien Romeo Romano iżda meta infurmajna lill-Kuntrattur u ttieħdu il-qisien irriżulta li m'hemmx biżżejjed. Għaldaqstant, warq diskussjoni ġie ssuġġerit li jew li jinxtara madum bhalu jew inkella jkollu jsir xi ħaġa oħra.

Wara diskussjoni il-membri qablu li din id-deċiżjoni tittieħed fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss wara li jkun evalwa l-istejjem li jitpoġġew quddiemu.

**32.4.2** Is-Sindku infrma wkoll lill-membri li għal din is-sena reġgħet ħarġet l-iskema tan-Norwegian Funds li tagħlaq fit-30 ta' Mejju 2021. Is-Sindku qal li wara li vverifika ġie infurmat li din id-darba ser tkun diffiċli sabiex il-Kunsill jibbenifika minn dawn il-fondi minħabba l-fatt li fl-iskema preċedenti il-Kunsill kien ibbenifika mill-fondi sabiex isir il-proġett edukattiv fuq it-tagħlim tal-elettriku u *plumbing*.

Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex din tkun diskussa fil-laqgħa li jmiss jekk il-Kunsill hux ser japplika jew le.

**32.4.3** Is-Sindku informa lill-membri li irċieva kommunikazzjoni mingħand is-Sa Roberta Milazzo sabiex fil-21 ta' Mejju tkun tista' taghmel użu minn ġnien Romeo Romano sabiex tiċċelebra iż-żwieġ tagħha. Wara diskussjoni il-membri qablu li minħabba r-restrizzjonijiet tal-COVID-19 din għandha ġġib l-awtorizżazjoni mingħand l-Awtoritajiet tas-Saħħa u wara l-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni.

**32.4.4** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill ircieva miill-MITA sabiex il-Kunsill jitlob għall-*placement* ta' studenti fi żmien is-Sajf. Il-membri ma sabu l-ebda oġġezzjoni.

**32.5 Rapporti / Korrispondenza**

**32.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva komunikat mingħand l-Aġenzija LESA fejn ħabbret li ser tkun qed terġa' tinvesti lura fil-komunitajiet b'valur totali ta' tlett miljun ewro imqassma fuq tlett snin. Permezz ta' dawn il-fondi, ser ikunu jistgħu isir proġetti, intiżi sabiex ikompli jiġu riġenerati l-lokalitajiet, b'riżultat tanġibbli, għall-ġid taċ-ċittadin. Din l-iskema ser tkun b'kollaborazzjoni mal-Assocjazzjoni Kunsilli

Wara diskussjoni bejn il-membri ġie unanimament sabiex il-Kunsill japplika sabiex għall-proġett ta' Pjazza Franka. L-informazzjoni trid tasal għandhom sat-30 ta' April 2021.

**32.5.2** Is-Sindku informa lill-membri dwar il-ħadid li jrid issir mad-dawra tas-Salib u għaldaqstant tressqu il-kwotazzjonijiet għal approvazzjoni.

ACMA: €320 kull metru
Intersteel fence Ltd: €390 għal kull metru
Charles Darmanin: €445 għal kull metru
The Iron Factory: €300 għal kull metru

Wara diskussjoni il-membri qablu li l-Kunsill għandu jmur ghal irħas offerta dik ta' The Iron Factory.

Ittieħdet ukoll deċiżjoni fuq id-dawl, fejn mill-kwotazzjonijiet miġbura, il-membri qablu li l-Kunsill għandu jmur ghal irħas offerta dik tad-dawl tal-Electra €1,300

**32.5.3** Is-Sindku informa lill-membri dwar korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand il-Perit Borg sabiex jinfetaħ bieb ta' garaxx fi Triq it-Turretta liema permess iġib in-numru PA314/21.

Wara diskussjoni l-membri ma sabu l-ebda oġġezzjoni ġaladarba il-permessi mill-Awtorita' tal-Ippjanar huma diġa fis-seħħ.

**32.5.4** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza fejn bħas-snin ta' qabel qed terġa' tiġi varata l-iskema SPI/SCI/3/2021 għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 sabiex tassisti il-Kunsilli Lokali f'attivitajiet kulturali. L-għan ewlieni ta' dan il-fond huwa li l-lokalitajiet ikomplu jinvestu u jiżguraw is-sostenibbilta' kulturali għall-benessere tar-residenti. Din l-iskema se tkun qiegħda tkopri attivitajiet kulturali li ħa jsiru matul din is-sena. Dan il-fond ħa jkun qed jiġi ffinanzjat mill-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali u l-Awtorita' tat-Turiżmu.

Wara diskussjoni l-membri qablu sabiex issir kunċert f'Lulju għal żmien il-festa ta' Santa Venera sakemm dak ta' Bethlehem f'Santa Venera ma jiġix aċċettat.

**32.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

**32.6.1 Rapport Amministrattiv 2020**

Is-Sindku informa lill-membri li r-rapport Amministrattiv 2020 intbagħat lill-Kunsilliera flimkien mad-dokumenti tal-laqgħa u f'dan ir-rigward talab jekk kienx hemm xi emendi. Wara diskussjoni u saru xi korrezzjonijiet, il-membri qablu ma dan ir-rapport hekk kif ġie ppreżentat.

Is-Sindku ppropona r-rapport Amministrattiv hekk kif ġie rivedut, is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku filwaqt li l-membri qablu unanimament.

## 32.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati rapporti tal-laqgħat ta' kunitati jew sotto kumitati.

.

## 32.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti ġiet diskussa u approvata. Skeda ta' pagament: Proponent: Silvio Vella u Sekondant: Kursten Dimech

## 32.9 Ilmenti

**32.9.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 201 sa 253.

| | |
|---|---|
| 201 | Jinġabru l-firem mingħand ir-residenti ta' fejn qed issir it-talba li ssir *sleeping police* |
| 203 | Diga hemm Work Order |
| 209 | Transport Malta |
| 210 | Contracts Manager / Enforcement Officer |
| 217 | Ma tistax issir |

| | |
|---|---|
| 220 | Logo Grafix |
| 225 | Ħaddiema Assejnati |
| 226 | Ġie diskuss u deċiż waqt il-korrispondenza |
| 231 | Contracts Manager |
| 239 | Pulizija |
| 250 | Contracts Manager |
| 251 | Contracts Manager |
| 252 | Transport Malta |
| 253 | Issir tabella li l-parking huwa ta' Motor Cycle |
| Ilment Ġdid | Ninfurmaw lil Harry Ironmongery sabiex jirranġa l-bankina ta' quddiemu halli ma tibqax tiżloq billi jagħmel tapit tat-turf. |

Il-membri qablu unanimament sabiex il-ħin tall-laqgħa iku estiż bi kwarta sabiex l-istess laqgħa titlesta.

## Ilmenti Laqgħat preċedenti

| | |
|---|---|
| 039 | Issir pole bit-tabella li tindika MC bay |
| 054 | Tista' ssir kif ġie suġġerit mill-Contracts Manager |
| 060 | Ma tistax issir |
| 069 | Ħaddiema Assenjati |
| 079 | Tista' issir |
| 091 | Tinbidel u l-kaxxa ssir bajda fuq rakkomandazzjoni tal-Contracts Manager |
| 106 | Ma tistax issir |

## 32.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fl-9.45 pm u ġiet aġġornata għas-26 ta' April 2021, fis-6.30pm

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv